MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.
## AUDREY DEMICOLI

Seduta ta' l-20 ta' Novembru, 2003

Talba Numru. 2546/2002

**Kenneth Mizzi**

**vs**

**Biagio Muscat**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-23 ta Ottubru 2002 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihalas lill-attur is-somma ta' seba' mija u hamsin lira Maltin (Lm750.00) rapprezentanti danni kawzati f'incident awtomobilistiku tat-8 ta' Marzu 2002 waqt li l-attur kien qed isuq il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni JAA 849 fi Triq Alfredo Cachia, iz-Zejtun, sejjer lejn Haz-Zabbar, meta l-konvenut hareg minn triq laterali bl-isem ta' Triq Salvu Cacciattolo, habat mal-vettura tal-attur u gab lill-istess karozza 'total loss', liema ncident gara minhabba negligenza, mperizja u nuqqas ta' harsien tar-regolamenti tat-traffiku da parti tal-konvenut. Il-karozza tal-attur kienet assikurata ghall-valur ta' Lm600.00. L-attur kera karozza

ghal xahar sakemm xtara karozza ohra liema spejjes kienu jammontaw ghal Lm150.00.
BL-ispejjes u bl-imghax legali mid-data li fih sehh l-incident kontra l-konvenut ngunt ghas-subizzjoni.

Ra r-Risposta tal-konvenut fejn huwa eccepixxa li t-talbiet attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes stante li l-incident tat-traffiku mertu tal-kawza ma garax tort u htija tal-eccipjent izda gara unikament tort u htija tal-attur u dan kif ser jigi pruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza.
SAlv eccezzjonijiet ulterjuri.

Sema' x-xhieda ta' PS 1429 Eric Mangion, Redent Abdilla, Kenneth Mizzi, David Debono, tal-konvenut Biagio Muscat, Lawrence Stivala u ta' Natalino Aguis. Ha konjizzjoni tac-cirkostanizi kollha tal-kaz u tad-dokumenti esebiti.

Sema' t-trattazzjoni tal-avukati difensuri tal-partijiet.

Ikkunsidra:

Illi l-kaz jirrigwarda ncident awtomobiilistiku li sehh fit-8 ta' Marzu 2002 fi Triq Alfredo Cachia Zammit, Zejtun bejn il-vettura bin-numru tar-registrazzjoni JAA 879 misjuqa mill-attur u l-vettura bin-numru tar-registrazzjoni DAH 336 misjuqa mill-konvenut. L-attur xehed li kien qed jipprocedi fi Triq Alfredo Cachia Zammit sejjer fid-direzzjoni ta' Haz-Zabbar meta hareg il-konvenut minn Triq Salvu Cacciattolo u sehh l-impatt. L-attur jghid li huwa daqq il-horn izda l-konvenut ma semghux. Huwa indika l-ispot of impact permezz ta' salib fuq l-iskizz esebit a fol. 10 tal-process. Il-konvenut min-naha l-ohra jsostni li huwa kien diga hareg minn Triq Salvu Cacciattolo ghal fuq Triq Lorenzo Cachia Zammit, kien qed jistenna f'nofs tat-triq bl-indicator mizghul sabiex jidhol fi Triq l-Isqof A. Zahra, stenna lil vettura li kienet gejja mid-direzzjoni opposta tidhol fi Triq l-Isqof Zahra, beda jiprocedi sabiex hu ukoll jidhol f'din it-triq meta giet il-vettura tal-attur minn warajh u fuq in-naha hazina tat-triq, habtet fil-vettura tieghu u

mbuttatu f'parapett ta' dar li hemm fil-kantuniera ta' Triq l-Isqof A. Zahra.

Il-konvenut ukoll indika fuq l-iskizz esebit a fol. 10 il-post fejn sehh l-impatt (fejn hemm l-ittra B). Minn ezami ta' dan l-iskizz jirrizulta li z-zewg partijiet assolutament m'humiex qed jaqblu dwar fejn sehh l-impatt, l-attur isostni li l-impatt sehh fuq sajdu filwaqt li l-konvenut jindika li l-impatt sehh fuq in-naha l-ohra tat-triq, precizament quddiem l-isbokk ghal Triq l-Isqof A, Zahra. Fil-fehma tat-Tribunal l-impatt jidher li sehh fil-post indikat mill-konvenut. Dan jinghad ghaliex mill-iskizz jirrizulta li l-brake marks tal-attur jibdew u jkomplu fuq in-naha tal-lemin tat-triq. Dan jindika li l-attur kien qed jiprocedi fi Triq Lorenzo Cachia Zammit kompletament fuq in-naha hazina tal-istess triq. Huwa tajjeb li wiehed jinnota li x-xhud prodott mill-attur stess, Redent Abdilla, li kien passiggier mal attur, jghid li l-attur kien qed isuq ghal nofs it-triq u li l-attur ma tantx kien qed jara minhabba x-xita.

Fil-fehma tat-Tribunal il-verzjoni ta' kif sehh l-incident moghtija mill-konvenut hija aktar verosimili izda dan ma jfissirx li huwa m'huwiex responsabbli ghall-incident de quo. It-Tribuna jidhirlu li z-zewg sewwieqa nvoluti f'dan l-incident huma responsabli f'porzjonijiet ugwali ghal dan l-incident. L-attur huwa responsabbli ghalie kien qed jiprocedi kompletament fuq in-naha l-hazina tat-triq u b'hekk ghamilha aktar difficli ghall-konvenut li kien ser jeffetwa 'right hand turn' biex jinduna bih u l-konvenut huwa wkoll responsabbli ghaliex huwa qatt ma messu effetwa 'right hand turn' minghajr ma accerta ruhu li t-traffiku li kien gej minn warajh kien induna bl-intenzjoni tieghu li jaghmel din il-manuvra.

Illi d-danni reklamati mill-attur jammontaw ghal Lm750.00 u fl-Avviz tat-Talba huwa jindika li dan l-ammont jirrigwarda Lm600.00 bhala l-valur tal-vettura li giet meqjusa bhaal 'beyond economica repair' u Lm150.00 bhala l-ammont li huwa kellu jhallas ghal kiri ta' vettura ghal perijodu ta' xahar. L-ircevuta rigwardanti l-kiri tal-karozza tinsab esebita a fol. 42 tal-process. Mis-'survey report' imhejji mis-suveyor imqabbad mil-assikurazzjoni

tal-konvenut u esebit a fol. 24 tal-process u mix-xhieda tas-surveyor tal-15 ta' April 2003 jirriuzlta li l-pre-accident market value tal-vettura gie stmat fl-ammont ta' Lm650.00, liema ammont ma kienx jinkludi l-valur tar-wreck. Mix-xhieda tal-attur moghtija fis-seduta tal-14 ta' Jannar 2002 jidher li huwa biegh ir-wreck ghas-somma ta' Lm80.00. Minn dan kollu jirrizulta ghalhekk li d-danni effettivament sofferti mill-attur kienu jammontaw ghal Lm720.00. Il-konvenut irid jaghmel tajjeb ghal nofs dan l-ammont peress li kif inghad aktar il-fuq iz-zewg partijiet huma responsabbli ghall-incident de quo fi kwoti ndaqs.

Ghal dawn il-motivi, t-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi ghar-ragunijiet premessi jilqa' t-talbiet attrici limitatament ghall-ammont ta' tlett mija u sittin lira Maltin (Lm360.00), bl-imghax pagabbli mill-llum.

L-ispejjes ta' din l-istanza ghandhom jigu sopportati in kwantu ghal nofs mill-attur u nofs mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------